IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 26-2016(20_12_16)**

**20 ta' Diċembru 2016**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Carmen Said ippresjediet il-laqgħa.

**26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

26.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara *sms* li rċieva mingħand is-Sur Paul Curmi fejn talab ikun skużat għax mhux ser ilaħħaq jiġi u jekk ilaħħaq jiġi tard.
Il-Kunsill qabel li jkun skużat.

**26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

26.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 25-2016(23_11_16) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

26.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet saret *site inspection* mill-Perit William Lewis flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fuq ix-xogħol ta' pavimentar li qed isir fix-Xlendi. Il-kuntrattur intalab jirranġa xi affarijiet. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tkellmu mal-perit dwar il-permess tal-kamra ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u aċċetta li jieħu ħsieb iżda qabel irridu nkellmu lill-Perit Felice.

26.3.2 Is-Sindku u s-Sinjorina Sonja Abela ltaqgħu ma' Rappreżentanta ta' Marion Mizzi Wellbeing dwar it-*talk* li ser issir rigward *healthy life style*. It-*talk* ser issir fit-13 ta' Jannar 2017 u aktar dettalji ser jingħataw wara li jgħaddu l-festi.

26.3.3 Nhar il-Ħadd, 11 ta' Diċembru 2016 sar il-*Fun Festival* fil-Pjazza tal-Knisja. Sar ukoll *tournament* tal-*football* fiċ-Ċentru Parrokkjali. L-ispiża ma hijiex ser titla' aktar minn €600 u l-Gozo Sports Board ser iħallas in-nofs.
Fit-8 ta' Diċembru 2016 saret il-ħarġa għall-anzjani u fit-12 ta' Diċembru 2016 saret is-Serata ta' Jum Il-Munxar 2016.

26.3.4 Fil-15 ta' Diċembru 2016, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew it-Tribunal għal Talbiet Żgħar rigward il-każ ta' Sammy Spiteri. Il-każ ġie diferit għas-27 ta' Jannar 2017.

## 26.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

26.4.1 Is-Sur Robert Mallia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fid-daħla tal-Munxar fejn kien hemm il-*bring-in-site* għadu ma sar xejn. Is-Sindku weġbitu li x-xogħol ta' tisbiħ ser isir mill-Ministeru għal Għawdex f'Jannar 2017.

26.4.2 Is-Sur Damien Spiteri talab lill-Kunsill sabiex iwaħħal ħadida mal-bankina ta' quddiem id-dar Damasku fi Triq Damasku, Il-Munxar. Is-Sindku kienet ser tiċċekkja, għaliex sa fejn hija infurmata f'din id-dar ma joqgħod ħadd. Il-Kunsill ser jiddeċiedi darba oħra.

## 26.5 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv

26.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Iskrivan Joseph Mizzi li kien beda jaħdem fit-2 ta' Mejju 2016 tefa' r-riżenja tiegħu fl-10 ta' Diċembru 2016. Bil-liġi huwa obbligat li jaħdem tliet xhur *notice,* jiġifieri sal-10 ta' Marzu 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizza li l-Kunsill jibda l-proċess immedjatament sabiex jinstab impjegat/a ieħor/oħra possibilment ikun b'esperjenza f'Kunsill Lokali għaliex huwa ta' *stress* enormi li terġa' tibda tittrenja impjegat ieħor mill-ġdid f'perjodu ta' anqas minn sena.

## 26.6 Korrispondenza

26.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 43/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Allokazzjoni Finanzjarja għall-2017'.

26.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 44/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Seminar dwar Xandir Soċjali *(Social Media),* l-użu tal-Wi-Fi u Taħriġ dwar Opportunitajiet ta' Fondi mill-Programm *'Europe for Citizens''*.

26.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 45/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Presidenti tar-Reġjuni u s-Sindki*'*.

26.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 46/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Struzzjonijiet għal matul il-Festi tal-Milied'.

26.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 46A/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*Corrigendum* għal Ċirkulari Numru 46/2016'.

26.6.6 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 47/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva ta' Taħriġ – Sistema ta' Akkwist Elettroniku (l-*ePPS*) (*www.etenders.gov.mt*)*'.*

26.6.7 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 48/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Il-*Community Workers' Scheme* fil-Kunsilli Lokali'.

26.6.8 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 49/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva ta' Taħriġ – Tisħiħ fil-Kitba Maltija*'.*

26.6.9 Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward permess ta' żvilupp PA/06922/16 fi Triq Żgħawri, Il-Munxar.

26.6.10 Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward permessi ta' żvilupp PA/06436/16 fi Triq il-Kavallieri, Ix-Xlendi u PA/07016/16 fi Triq San Pawl, Il-Munxar.

26.6.11 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tat-62 laqgħa tat-22 ta' Diċembru 2016, l-Iskeda tal-Ħlasijiet Numri: 45 u 46 u l-Minuti tal-Laqgħa Numru 61 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

26.6.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Europe for Citizens Contact Point fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-'Europe for Citizens Contact Point - Follow-up of ECP Training Seminars – Presentations and EFC Programme Relevant Information'.

**26.7 Ilmenti**

26.7.1 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Direttiva Numru 5/2016 li tirrigwardja Donazzjonijiet. Il-Kunsill ħa nota ta' din id-direttiva.

26.7.2 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għal Għawdex rigward triq bla isem fi Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi sabiex jingħatalha isem. Il-Kunsill ser jirreferiha lill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex.

26.7.3 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex fejn qed jitlob sabiex jiġi ċċarat mill-Kunsill jekk verament teżistix triq ġdida fi Triq Ta' Rinota u jekk verament teżisti jibgħat *site-plan* u suġġeriment ta' isem għal din it-triq. Il-Kunsill ġie infurmat u huwa dokumentat li f'dawk l-inħawi kien hemm kappella ddedikata lil Santa Aniesa u għaldaqstant, il-Kunsill jixtieq li din it-triq tissemma għal din il-kappella.

26.7.4 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand in-National Audit Office rigward ir-'Report by the Auditor General on the Workings of Local Government for year 2015'. Dan ir-rapport ser jiġi eżaminat u naraw fejn huwa msemmi l-Kunsill tal-Munxar.

26.7.5 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Environment & Resources Authority sabiex il-Kunsill jibgħat il-kummenti dwar il-proposta ta' baga kbira għall-vapuri kbar fix-Xlendi.

26.7.6 Il-Kunsill irċieva AKL Ċirk 63/2016 – 'Kuntratti (*cleaners* uffiċini u kenniesa) maħruġa mill-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali' mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali fejn qed iwasslu korrispondenza mid-Dipartiment tal-Kuntratti dwar ċirkularijiet 63/2016 u 41/2016. Il-ħlas lill-kuntrattur fil-każ ta' servizz ta' tindif ta' uffiċini u servizz ta' knis ta' toroq għandu jkun ta' mhux inqas minn €6.44 is-siegħa eskluż il-VAT. Din ir-rata tinkludi l-benefiċċji kollha u l-kuntrattur għandu jħallas lill-ħaddiema mhux inqas mir-rata bażika ta' €4.64 is-siegħa *plus vacation leave, sick leave* u *public holidays* bl-istess rata u jħallas ukoll il-*bonuses* statutorji tal-Gvern u l-kontribuzzjonijiet soċjali. Il-kuntratti li għadhom fis-seħħ jibqgħu għaddejjin iżda mal-ewwel skadenza tal-kuntratt, anke jekk il-kuntratt ikun jista' jerġa' jiġġedded, għandhom joħorġu *tenders* ġodda u minnufih. Il-kuntratturi jkunu obbligati li jħallsu lill-ħaddiema r-rati stabbiliti fiċ-ċirkularijiet imsemmija.

26.7.7 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali Ċirkulari 64/2016 – 'Laqgħa ta' informazzjoni – Skemi tal-Awtorità tal-Ippjanar b'fondi għall-Kunsilli Lokali', fl-14 ta' Diċembru 2016. Wara taħdidiet bejn l-Awtorità tal-Ippjanar u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ntlaħaq ftehim dwar kif l-Awtorità tista' żżid is-sapport finanzjarju li tagħti lill-Kunsilli Lokali sabiex dawn itejbu u jżidu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti tagħhom. L-Awtorità ser tniedi fond ġdid imsejjaħ il-*Planning Fund* li ser jikkonsolida l-fondi tal-Urban Improvement Fund (UIF) u tal-Commuted Parking Payment Scheme (CPPS) ġewwa fond wieħed. Dan ser jinkludi fih ukoll persentaġġ mill-miżati li l-Awtorità ser tiġġenera mill-applikazzjonijiet relatati mal-proċess ta' regularizzazzjoni. L-Awtorità ser tniedi wkoll żewġ skemi relatati mar-restawr tal-faċċati tal-bini ġewwa l-Urban Conservation Areas li minnhom ser igawdu wkoll il-Kunsilli Lokali.

26.7.8 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għal Għawdex b'Assessment Report No 323 għall-bini mill-ġdid ta' *boundary wall* fi Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi.
Il-Kunsill ser jinformahom li ma huwiex kompitu tal-Kunsill li jirranġa triqat meta jċedu bit-traffiku u fil-fatt ma ningħatawx fondi għal dan il-għan. Is-Sindku ilha ħafna żmien titlob sabiex dan ix-xogħol isir mill-Gvern Ċentrali.

26.7.9 Il-Kunsill/Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi rċieva ittra mingħand l-Avukat Kevin Mompalao dwar il-ħsarat li ġarrbet il-karozza ta' Joseph Spiteri fl-14 ta' Mejju 2016 fi Triq San Xmun, Ix-Xlendi. Fuq talba tal-Avukat tal-Kunsill/Kumitat qed jibgħat kopja tas-*survey report* imnejn jirriżulta li d-danni jammontaw għal €1,198.88. L-Avukat tal-Kunsill/Kumitat talbet lill-iżviluppatur sabiex iħallas dawn id-danni iżda qed jirrifjuta għaliex skont hu, it-triq intużat minn kulħadd u kulħadd seta' kisser il-*culvert*. Għaldaqstant, il-Kunsill/Kumitat kien ser jagħmel *claim* lill-*insurance*.

**26.8 Il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u Assistent Uffiċjal Prinċipali**

26.8.1 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Assistent Uffiċjal Prinċipali. Is-Sindku ppreżentat ir-rapporti u ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata *bonus* ta' 10% u l-Assistent Uffiċjal Prinċipali tingħata *bonus* ta' 6% skont ir-regolamenti finanzjarja tal-Kunsilli Lokali. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv ir-rapport ser jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

**26.9 Estimi Annwali 2017 u l-Laqgħa tal-Lokalità**

26.9.1 Għas-sena 2017 l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u Kumitat ser tkun ta' €242,861.36. Dan ifisser li ser ikun hemm żieda ta' €19,800. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għadu ma bagħatx l-allokazzjoni finanzjarja lill-Kumitat Amministrattiv imqassma skont il-funzjonijiet.

26.9.2 Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi informa lill-Kunsill/Kumitat li f'Diċembru u Jannar ser ikollu ħafna safar barra minn Malta u ser ikun hawn bejn l-10 u l-20 ta' Jannar 2017. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-laqgħa tal-lokalità tal-Munxar u tax-Xlendi ssir nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar 2017.

**26.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

26.10.1 Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ltaqa' fl-14 ta' Diċembru 2016, fil-5.15 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil – *Chairperson,* is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson* u s-Sur Saviour Xiberras – Membru. Preżenti kien hemm ukoll is-Sinjura Carmen Said – Sindku tal-Kunsill Lokali Il-Munxar u s-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Patrick Grima bagħat ir-riżenja tiegħu fit-2 ta' Diċembru 2016. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġie infurmat.

Iċ-*Chairperson* tkellem dwar il-ġbir ta' skart ta' boroż suwed. Il-Kumitat iddeċieda li l-borża s-sewda tinġabar nhar ta' Tnejn u Sibt sal-aħħar ta' Marzu 2017. Ħaddiema tal-Wasteserv bdew iduru d-djar tax-Xlendi u ppreżentawlhom skeda tal-ġbir tal-borża s-sewda tal-Munxar flok tax-Xlendi. Huma reġgħu żaru lil dawn ir-residenti sabiex jikkoreġu l-iżball.

Is-Sur Saviour Xiberras ilmenta dwar it-talba li għamel il-Kumitat sabiex isiru tabelli fil-bokka tal-Wied tax-Xlendi sabiex jiġi avżat li f'każ ta' xita, minn hemm jgħaddi ħafna ilma u jista' jkaxkar il-karozzi. Is-Sindku talbet diversi drabi u ġie deċiż li tinkiteb ittra lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp u lill-Ministru għal Għawdex.

Bħalissa għaddej ix-xogħol fuq il-passaġġ tax-xtajta. Hekk kif beda x-xogħol irriżulta li l-kaxxa u l-*pipes* li jissupplixxu d-dawl lill-fanali huma msadda u l-post fejn qegħdin qed jaqa' l-ilma tax-xita fuqhom. Il-Kumitat/Kunsill iddeċieda li l-*pipes* u l-kaxxa jinbidlu u jiġu rtirati ftit 'il fuq minħabba l-ilma. Il-kuntrattur laqat il-*cables* u dawn ser jitranġaw. Il-Kumitat/Kunsill ħatar lil Chris Gauci sabiex jieħu ħsieb ix-xogħlijiet tad-dwal.

Il-Kumitat iddiskuta l-ittra mingħand l-Avukat Kevin Mompalao dwar il-ħsarat li ġarrbet il-karozza ta' Joseph Spiteri fl-14 ta' Mejju 2016 fi Triq San Xmun, Ix-Xlendi għall-ħlas ta' danni li jammontaw għal €1,198.88. L-Iżviluppatur kien intalab iħallas dawn id-danni iżda qed jirrifjuta għaliex skont hu, it-triq intużat minn kulħadd u kulħadd seta' kisser il-*culvert*. Għaldaqstant, il-Kumitat kien ser jagħmel *claim* lill-*insurance*.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li sid ta' proprjetà fi Triq ir-Rumani talab sabiex arblu li fuqu għandu lampa numru 116/42 jiġi spostjat ftit 'il bogħod minn fejn hu peress li jrid jiftaħ bieb ta' *garage*. Ġie deċiż li din it-talba tiġi rreferuta lill-inġinier.

Il-Kumitat iddiskuta dwar l-Estimi Annwali.

Il-Kumitat iddiskuta dwar il-laqgħa tal-lokalità u ġie deċiż li din issir nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar 2017.

**26.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

26.11.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 26/2016(20_12_16).

**26.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

26.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa, 25 ta' Jannar 2017 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 25 ta' Jannar, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Carmen Said<br>Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |